# 1

# Għal Għand in-Nannu

Kien is-Sibt waranofsinhar, waqt li Lino kien medhi fil-kamra tiegħu jwaħħal ftit bolli ġodda fl-album, meta nstema' leħen il-papà jsejjaħlu minn ġos-salott.

"Dalwaqt miegħek, papà," għajjat Lino minn fuq, u fil-pront telaq l-album fuq il-mejda u niżel jara x'riedu l-papà.

"Taf xejn fejn qiegħed in-nuċċali tiegħi, Lin?" staqsieh il-papà hekk kif it-tifel tfaċċa fil-bieb tal-kamra.

"Iva, papà," wieġbu Lino, "jekk niftakar sewwa rajtu fl-istudju; ħa nġibhulek." U mal-kelma telaq iġiblu n-nuċċali.

Il-papà kien qiegħed fis-salott jitkellem mal-Professur Bonnici li dakinhar kien mar jagħmillu daqsxejn ta' żjara. Il-papà u l-Professur Bonnici kienu ħbieb tal-qalb. Meta kienu għadhom żgħar kienu fi klassi waħda fl-iskola primarja, iżda mbagħad meta kibru aktar, il-papà ta eżami għal skrivan u l-Professur Bonnici daħal l-Università biex ikompli jistudja l-lingwi. Hekk, il-ħbiberija tagħhom kienet ġejja mill-bogħod ħafna. Mhux l-ewwel darba li l-Professur kien imur għand il-papà u flimkien joqogħdu

jitkellmu, issa fuq ħaġa u issa fuq oħra; jew jinżlu sa ġolġnien jitħaddtu fuq ix-xtieli. U l-papà, min-naħa l-oħra, kien iħobb jasal wasla għand il-Professur kultant, biex joqogħdu jqallbu l-ħafna kotba li l-Professur kellu fil-librerija.

"Hawn, papà," qallu Lino hekk kif reġa' daħal fis-salott bin-nuċċali f'idejh.

"Hawn, ara, Manwel," instema' jgħid il-Professur lill-papà, "dan hu l-ġifen li jsemmi l-ktieb. Arah sew."

"Iva, hu kollu kemm hu!" qal il-papà waqt li libes in-nuċċali f'għajnejh u ta daqqa t'għajn lejn il-ktieb li kellu f'idu l-Professur.

"Hu kollu kemm hu," tenna. "Missieri għandu disinn tiegħu, u jixbah ħafna lil dan. M'hemmx dubju, l-istess wieħed żgur!"

Lino kien diġà sellem biex joħroġ mill-kamra, meta l-papà reġa' qallu: "Ara, Lin, jekk jogħġbok, ħu paċenzja ġibli karta vojta biex il-Professur jiktibli erba' kelmiet. Naħseb jaqbel li dak li hemm miktub bl-Għarbi taqlibhuli għall-Malti, hux, Profs?"

"Dażgur," wieġbu l-Professur, "newlilna biċċa karta, jekk jogħġbok, Lin."

Dakinhar il-Professur Bonnici u l-papà donnhom kellhom xi jgħidu mhux ħażin, għax ma nfirdux qabel dalam sewwa. Waqt l-ikla ta' filgħaxija, il-papà qabeż qal lill-mamà:

"Mela jaqbel immorru naraw ftit lill-papà, Tereż.

Naraw jekk jafx xi ħaġa hu?"

"Hekk naħseb jien," wieġbet il-mamà, "forsi hu għadu jiftakar x'kien jgħid in-nannu."

"Ara x'nagħmlu, Tereż," tenna l-papà, "għada l-Ħadd, u mit-Tnejn jien nibda l-vaganzi. Għalhekk nistgħu llestu kollox illejla u mmorru minn għada stess inqattgħu tlitt ijiem għandu."

"Bilħaqq, Manwel," qabżet il-mamà, "jien ma nkunx nista' niġi. Mela nsejt li t-tifla ma jaqbilx noħorġuha għalissa?"

"U le, mamà," qabżet fin-nofs Angela, "issa għaddieli għalkollox; illum lanqas darba ma għatast."

"Iżda aħjar toqgħod jumejn oħra ġewwa," qabżet il-mamà. "Mhux hekk qalilna t-tabib?"

"Allura kif se nibqgħu, Tereż?" staqsa l-papà. "Jien vaganzi m'għandix kemm irrid."

"Ara x'tagħmel, Manwel," reġgħet qalet il-mamà, "mur għada, kif kellek il-ħsieb, u ħu t-tifel miegħek …"

"Iva, papà," qabeż ferħan Lino, "ilna ma mmorru għand in-nannu, pa!"

"Jien mhux se niddejjaq id-dar," tenniet il-mamà. "L-ewwel nett ikolli lit-tifla miegħi u filgħaxija dejjem tgħaddi tarana z-zija Rita."

"Insomma," qal il-papà, "mela nibqgħu hekk. Illejla naraw xi jkollna bżonn għal magħna u għada filgħodu nqumu għal tas-sitta biex ma ndumux ma naslu."

"Papà, nista' nġib miegħi l-qalziet tal-għawm u s-saqqu tal-baħar?" staqsa Lino.

“U mela le,” wieġbu missieru, “ejjew naraw x’għandna nagħmlu.”

Il-mamà u l-papà telgħu fuq biex ilestu kulma kellhom jieħdu magħhom il-papà u Lino. Minħabba li kien fi ħsiebhom idumu tlitt ijiem jew iżjed, kien jaqbel jaħsbu għal xi ħwejjeġ u bottijiet tal-ikel biex ma joqogħdux iħabbtu lin-nannu Indrin.

“Nixtieqni ġejja magħkom,” qalet Angela lil ħuha huma u jnaddfu l-mejda mill-platti u l-affarijiet tal-ikel. “Forsi joħodni xi darba oħra, il-papà.”

“Qiegħed fuq ix-xwiek biex nerġa’ nara dak it-torri li joqgħod fih in-nannu,” żied jgħid Lino.

“Mur ara kemm hu sabiħ!” tenniet Angela hi u timsaħ il-mejda. “Daqskemm ili ma mmur insejt kif inhu, u lin-nannu Indrin bilkemm nagħrfu li kelli niltaqa’ miegħu.”

“In-nannu Indrin iħobbna ħafna lilna,” kompla jgħid Lino, “iżda billi joqgħod ’il bogħod ma tantx ikollna żmien niltaqgħu miegħu.”

“U kif kien baqa’ joqgħod hemmhekk?” staqsiet Angela ħosbiena. “Daqskemm jiġi ’l bogħod Xifer il-Ħondoq. X’fettillu mar joqgħod daqshekk ’il bogħod!”

“Ma nafx jien,” żied it-tifel, “minn dejjem hemm fuq nafu joqgħod.”

Fil-pront daħal il-papà fil-kamra u Angela minnufih staqsietu: “Papà, in-nannu Indrin għaliex joqgħod daqshekk ’il bogħod?”

Il-papà ntebaħ li xtaqu jsiru jafu aktar dwar nannuhom, u għalhekk waqt li poġġa bilqiegħda fuq is-sufan beda jgħidilhom:

"Meta jien kont għadni tifel, konna noqogħdu ġo dar kbira u sabiħa ftit 'il bogħod minn hawnhekk. Il-papà minn dejjem kien iħobb is-sajd u l-biedja, u għalhekk meta l-mamà mietet u jien u ħuti żżewwiġna lkoll, il-papà xtara dak it-torri qadim ta' Xifer il-Ħondoq u mar joqgħod hemmhekk għall-kwiet. Jien u l-mamà kemm-il darba għednielu biex jiġi joqgħod magħna, iżda qatt ma ried. Jgħid li isbaħ mit-torri ma jsib xejn, għall-kwiet u għall-arja tal-baħar."

"X'inti tgħidilhom, Manwel, x'inhuma attenti?" staqsiet il-mamà bid-daħqa, hekk kif daħlet fil-kamra u lemħet lit-tfal imdawrin ma' missierhom.

Dakinhar it-tfal raqdu ferħanin, jhewdnu fuq in-nannu Indrin u t-torri sabiħ tiegħu. Iżda l-aktar li raqad hieni kien Lino, għax kien fuq ix-xwiek biex ifittex jisbaħ l-għada u jerġa' jara t-torri sabiħ tan-nannu tiegħu.

# 2

# It-Torri tan-Nannu

Bħalma kien qal il-papà, l-għada filgħodu, hu u Lino bakkru mhux ħażin, u f'xi s-sebgħa kienu diġà fil-karozza tal-papà jsuqu għal għand in-nannu.

Dakinhar sebħet ġurnata tassew sabiħa. Is-sema kien ikħal u ċar, u billi kien għadu kmieni, is-sħana ta' Lulju kienet għadha ma bdietx tinħass. Iżda x-xemx fietla kienet diġà bdiet tisreġ. Il-papà u Lino ħallew il-Belt u qabdu t-triq lejn l-irħula. Għaddew minn ħafna mogħdijiet minn qalb ir-raba', qasmu għadd ta' rħula żgħar, u fl-aħħar il-papà qabeż jgħid:

"Dalwaqt naslu, Lin. Qbadna t-triq lejn Xifer il-Ħondoq."

"Iva, niftakarha," għajjat Lino, "ara l-baħar kemm jidher 'l isfel, pa!"

"Dażgur," kompla missieru, "il-ponta ta' Xifer il-Ħondoq tinsab fil-għoli mhux ħażin. Ara l-wied fuq in-naħa l-oħra kemm jidher tajjeb."

"Kemm fih siġar tal-ħarrub, pa!" żied Lino. "Ħares ftit, dak il-blat t'hemm kemm hu abjad!"

"Hemm hu t-torri!" qal il-papà, waqt li ftit 'il bogħod deher torri mdaqqas imdawwar bis-siġar baxxi, maqtugħ waħdu waħdu kważi fit-tarf tal-irdum.

